

*Magħrufa u rikonoxxuti uffiċċjalment il-virtujiet erojċi ta'*

# MADRE MARGERITA DEBRINCAT

It-13 ta' April 2013 kienet ġurnata importanti ħafna għall-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu, għad-Djoċesi ta' Għawdex u fuq kollox għall-poplu kollu Ta' Kerċem. Waslet l-aħbar tant mistennija mis-Santa Sede li l-virtujiet erojċi li għexet il-Fundatriċi, il-Qaddejja ta' Alla, Madre Margerita De Brincat, ġew magħrufa u rikonoxxuti. Id-disa' Kardinali - li ngħataw il-ħidma li jistudjaw il-ħajja u l-kitbiet tagħha, flimkien max-xhieda li ngħatat fil-Proċess Djoċesan kemm mis-sorijiet u kemm mil- lajċi, taw vot pożittiv. Dan kien pass ieħor 'il quddiem lejn il-Beatifkazzjoni ta' din is-soru umli minn Ta' Kerċem (1862 – 1952), li, bis-saħħa tal-fiduċja kbira tagħha f'Alla, irnexxielha tagħmlu magħruf u maħbub f'ħafna postijiet madwar id-dinja. J'Alla din il-ġrajja tgħin biex aktar nies jagħrfu l-għeġubijiet li l-Mulej jista' jwettaq permezz tagħna, meta nerħu ruħna fi jdejn il-ħarsien tiegħu.

Madre Margerita, fid-dinja Virġinja Debrincat, ħaddnet il-vokazzjoni reliġjuża u saret Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, billi żviluppat il-familja tat-Terzjarji Franġiskani mwaqqfa minn Dun Ġużepp Diacono fl-1880 u laqqmitha bil-kariżma proprja tagħha.



Corfu.—Scuola diretta dalle Suore Francescane Maltesi.



Meta Madre Margerita daħlet mat-Terzjarji Franġiskani, Dun Ġużepp Diacono kien għadu jinsisti dwar il-proġett tiegħu li din il-familja reliġjuża tkun biss għal Għawdex u ristretta għal tnax-il membru biss. Imma mbagħad, bl-insistenza persważiva tal-Madre, fl-1886, ġiet miftuħa l-ewwel dar f'Malta, propju f'Birkirkara u fl-1907 l-ewwel dar 'il barra minn Malta, f'Korfu fil-Greċja. Aktar tard bdiet ixxerred il-ħidma tal-Kongregazzjoni fl-Italja u meta hi stess, fl-1922, fetħet id-Dar ta' Regalbuto fi Sqallija, kitbet: *"Neħtieġu l-qawwa u spirtu kbir ta' sagrifiċċju u ta' ħeġġa mkebbsa ħafna għall-erwieħ għax hawn ħafna tassew! M'hemmx bżonn immorru ċ-Ċina biex insalvaw l-erwieħ; hawn minnhom kullimkien, abbandunati u ttraskurati. O! Li kieku kellna mħabba vera għall-ħelu maħbub Ġesù kif konna nissagrifikaw ħajjitna kollha biex insalvawhom!"*. Dan il-kliem ifisser il-ħsieb universali ta' Madre Margerita u kien dan il-ħsieb li wassal biex fl-1927, bdiet il-missjoni tal-Kongregazzjoni tagħha fl-Etijopja. Illum, l-ispirtu ta' universalità li kellha, ħakem il-Kongregazzjoni kollha li qed taħdem fil-Pakistan, fil-Filippini, fil-Kenja, fil-Brażil, fl-Awstralja u fl-Ewropa (Sqallija u l-Italja, Londra, Korfu, Ġerusalemm)!




L-Ispirtu "Kattoliku" ta' Madre Margerita joħroġ ċar mix-xewqat tagħha, kif imfissrin f'bosta mill-ittri li ħallitilna. *"Ejjew naħdmu għall-erwieħ, li huma l-prezz tad-Demm ta' Alla tliet darbiet qaddis!"*. Kienet spiss tħeġġeġ lis-Sorijiet bi kliem bħal *"Ġesù offrielna għelieqi x'naħdmu u nikkultivaw. Iva ejjew nagħmlu ħilitna kollha biex inkunu ġenerużi fil-korrispondenza tagħna mas-sejħat tiegħu"*. Kienet ukoll tinsisti dwar il-ħtieġa tat-talb biex *"nitħeġġu bi fjammi ta' mħabba safja, bil-ħeġġa għall-akbar glorja tiegħu u għall-ġid tal-erwieħ"*. Kienet ukoll għamlet tagħha x-xewqa mħeġġa: *"Irrid, nixtieq u nixxennaq erwieħ, erwieħ"*. Madre Margerita kienet tassew persuna apostolika u missjunarja.

Madre Margerita tinsab fit-triq iebsa u twila li xi darba, jekk il-Mulej irid, tista' twassalha lejn id-dikjarazzjoni uffiċċjali tal-qdusija tagħha mill-Knisja. Għandha ħafna x'tgħallimna u minkejja li hi reliġjuża, l-eżempju tagħha mhux riservat biss għar-reliġjużi iżda hu miftuħ għal kulħadd. Dan il-ftuħ tagħha għall-universalità tal-ħsieb u tal-ħidma tagħha jista' jkompli jkun ta' kuraġġ għal ħafna Maltin u Għawdxin biex iqisu li d-dinja kollha hi l-għalqa tal-Mulej li fiha huma jistgħu jagħtu s-servizz tagħhom.

Inkomplu nitolbu biex il-proċess għall-Beatifikazzjoni ta' Madre Margerita Debrincat ikompli miexi skont ir-rieda ta' Alla.

.....................



**Ta' Karolina**

***Bar-Restaurant-Pizzeria***

*Family run,*
*specialising in Local Food & Fresh Fish*

Triq Marina, Xlendi, Gozo

TeL: **2155 9675**

Mob: **7956 4769**

email: **karolinarest@yahoo.com**